



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża T-643/20

Ryanair DAC

vs

Il-Kummissjoni Ewropea

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (L-Għaxar Awla Estiża) tad-19 ta' Mejju 2021

“Għajjnuna mill-Istat – Il-Pajjiżi l-Baxxi – Garanzija mill-Istat għal self u self subordinat tal-Istat favur KLM fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 – Linji gwida temporanji tal-miżuri ta’ għajjnuna mill-Istat – Deċiżjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet – Deċiżjoni li tiddikjara l-għajjnuna kompatibbli mas-suq intern – Għajjnuna preċedentement mogħtija lil kumpannija oħra tal-istess grupp ta’ impriżi – Obbligu ta’ motivazzjoni – Żamma tal-effetti tad-deċiżjoni”

1. *Rikors għal annullament – Persuni fiżiċi jew ġuridiċi – Atti li jikkonċernawhom direttament u individwalment – Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata l-kompatibbiltà ta’ għajjnuna statali mas-suq intern mingħajr ftuħ tal-proċedura ta’ investigazzjoni formali – Rikors tal-partijiet interessati fis-sens tal-Artikolu 108(2) TFUE – Ammissibbiltà – Kundizzjonijiet (Artikolu 108(2) u (3), u r-raba’ paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE; Regolament tal-Kunsill 2015/1589, Artikolu 1(h))*

(ara l-punti 23 sa 29)

2. *Rikors għal annullament – Persuni fiżiċi jew ġuridiċi – Atti li jikkonċernawhom direttament u individwalment – Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata l-kompatibbiltà ta’ għajjnuna statali mas-suq intern mingħajr ftuħ tal-proċedura ta’ investigazzjoni formali – Rikors tal-partijiet interessati fis-sens tal-Artikolu 108(2) TFUE – Identifikazzjoni tas-suġġett tar-rikors – Rikors intiż sabiex jipproteġi d-drittijiet proċedurali tal-persuni kkonċernati – Motivi li jistgħu jiġu invokati (Artikolu 108(2) u r-raba’ paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE; Regolament tal-Kunsill 2015/1589, Artikolu 1(h))*

(ara l-punti 30, 31)

3. *Atti tal-istituzzjonijiet – Motivazzjoni – Obbligu – Portata – Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-qasam tal-għajjnuna mill-Istat – Deċiżjoni li ma tinfetaħx il-proċedura ta’ investigazzjoni formali – Espożizzjoni fil-qosor tar-raġunijiet li wasslu lill-Kummissjoni tikkonkludi li ma kienx hemm diffikultajiet serji ta’ evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajjnuna kkonċernata mas-suq intern – Assenza ta’ teħid inkunsiderazzjoni tal-impatt ta’ għajjnuna preċedentement mogħtija lil kumpannija oħra li tiffurma parti mill-istess grupp ta’ impriżi bħall-benefiċjarju tal-għajjnuna – Motivazzjoni insuffiċjenti*

(Artikoli 107(1) TFUE, 108(2) TFUE u 296 TFUE)

(ara l-punti 36, 38 sa 43, 71, 72)

4. *Għajnuna mogħtija mill-Istati – Projbizzjoni – Derogi – Għajnuna li tista' titqies li hija kompatibbli mas-suq intern – Setgħa diskrezzjonali tal-Kummissjoni – Identifikazzjoni tal-benefiċjarju ta' żewġ għajnuniet mogħtija lil żewġ kumpanniji li jagħmlu parti mill-istess grupp ta' impriżi – Kunċett ta' unità ekonomika*
(Artikoli 107(1) TFUE u 108(2) TFUE; Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 2016/C 262/01, punt 11)

(ara l-punti 43 sa 67)

5. *Atti tal-istituzzjonijiet – Motivazzjoni – Obbligu – Portata – Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat – Regularizzazzjoni ta' nuqqas ta' motivazzjoni fil-mori tal-kawża – Inammissibbiltà*
(Artikoli 107(1) TFUE, 108(2) TFUE u 296 TFUE)

(ara l-punt 66)

6. *Rikors għal annullament – Sentenza ta' annullament – Effetti – Limitazzjoni mill-qorti tal-Unjoni – Żamma tal-effetti tal-att ikkontestat sas-sostituzzjoni ta' dan tal-aħħar – Ġustifikazzjoni bbażata fuq motivi ta' ċertezza legali*
(it-tieni paragrafu tal-Artikolu 264 TFUE)

(ara l-punti 79 sa 84)

Sunt

Il-Qorti Ġenerali tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tapprova l-għajnuna finanzjarja tal-Pajjiżi l-Baxxi favur il-kumpannija tal-ajru KLM fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 minħabba insuffiċjenza ta' motivazzjoni. Madankollu, fid-dawl tal-effetti partikolarment dannużi tal-pandemija għall-ekonomija Olandiża, il-Qorti Ġenerali tissospendi l-effetti tal-annullament sal-adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida mill-Kummissjoni

F'Ġunju 2020, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi kkomunika lill-Kummissjoni Ewropea għajnuna mill-Istat favur il-kumpannija tal-ajru KLM, sussidjarja tal-kumpannija holding Air France-KLM. L-għajnuna kkomunikata, li l-baġit totali tagħha kien jammonta għal EUR 3.4 biljuni, kienet tikkonsisti, minn naħa, f'garanzija mill-Istat għal self mogħti lilha minn konsorzju ta' banek u, min-naħa l-oħra, f'self mill-Istat. Permezz ta' dan l-intervent, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi kellu l-intenzjoni li jipprovdri temporanjament il-likwidità li KLM kellha bżonn sabiex taffronta r-riperkussjonijiet negattivi tal-pandemija tal-COVID-19. Fil-fatt, fid-dawl tal-importanza ta' KLM għall-ekonomija tiegħu u għas-servizz tal-ajru tiegħu, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi qies li l-falliment tagħha kien ikompli jaggrava d-disturb serju tal-ekonomija tiegħu kkawżat minn din il-pandemija.

Fl-4 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni kienet diġà ddikjarat kompatibbli mas-suq intern għajnuna individwali mogħtija mir-Repubblika Franċiża lil Air France, sussidjarja oħra tal-kumpannija holding Air France-KLM, fil-forma ta' garanzija mill-Istat u ta' self minn azzjonist, fl-ammont totali ta' EUR 7 biljuni¹. Din il-miżura ta' għajnuna kienet intiża li tiffinanzja l-bżonnijiet immedjati ta' likwidità ta' Air France.

Peress li qieset li l-għajnuna kkomunikata favur KLM kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, il-Kummissjoni evalwat din l-għajnuna fid-dawl tal-komunikazzjoni tagħha tad-19 ta' Marzu 2020, intitolata "Qafas Temporanju għal miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex jingħata sostenn lill-ekonomija matul it-tifqigħa preżenti tal-COVID-19"². Permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Lulju 2020, il-Kummissjoni ddikjarat din l-għajnuna kompatibbli mas-suq intern konformement mal-Artikolu 107(3)(b) TFUE³. Bis-saħħa ta' din id-dispożizzjoni, l-għajnuna intiża li ttrimejja disturb serju fl-ekonomija ta' Stat Membru tista', taħt ċerti kundizzjonijiet, titqies li tkun kompatibbli mas-suq intern.

Il-kumpannija tal-ajru Ryanair ippreżentat rikors intiż għall-annullament ta' din id-deċiżjoni, li ntlaqat mill-Għaxar Awla Estiża tal-Qorti Ġenerali, wara proċedura mħaffa, filwaqt li ssuspendiet l-effetti tal-annullament sal-adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida mill-Kummissjoni. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Ġenerali tagħmel preċiżazzjonijiet dwar il-portata tal-obbligu ta' motivazzjoni tal-Kummissjoni meta din tiddikjara għajnuna mogħtija lil sussidjarja ta' kumpannija holding kompatibbli mas-suq intern, filwaqt li sussidjarja oħra tal-istess kumpannija holding tkun diġà bbenefikat minn għajnuna simili.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

Insostenn tar-rikors tagħha għal annullament, Ryanair invokat, *inter alia*, ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni mill-Kummissjoni, sa fejn din naqset milli tesponi r-raġunijiet li għalihom l-għajnuna preċedentement mogħtija lil Air France ma kellhiex impatt fuq l-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà mas-suq intern tal-għajnuna adottata favur KLM, minkejja li Air France u KLM huma żewġ sussidjarji tal-istess kumpannija holding.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tippreċiża, qabelxejn, li d-deċiżjoni adottata preċedentement dwar l-għajnuna mogħtija lil Air France tikkostitwixxi element kuntestwali li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni sabiex jiġi eżaminat jekk il-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 296 TFUE. Barra minn hekk, meta jkun hemm lok għal biża' li l-effetti fuq il-kompetizzjoni jirriżultaw f'kumululu ta' għajnuna mill-Istat fi ħdan l-istess grupp, hija l-Kummissjoni li għandha teżamina b'viġilanza partikolari r-rabtiet bejn il-kumpanniji li

¹ Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020)2983 final tal-4 ta' Mejju 2020 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.57082 (2020/N) – Franza – COVID-19: linji gwida temporanji [l-Artikolu 107(3)(b) TFUE] – Garanzija u self minn azzjonist favur Air France (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni Air France").

² Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Qafas Temporanju għal miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex jingħata sostenn lill-ekonomija matul it-tifqigħa preżenti tal-COVID-19 (ĠU 2020, C 91 I, p. 1), emendata fit-3 ta' April 2020 (ĠU 2020, C 112 I, p. 1), fit-13 ta' Mejju 2020 (ĠU 2020, C 164, p. 3), u fid-29 ta' Ġunju 2020 (ĠU 2020, C 218, p. 3) (iktar 'il quddiem id-"Linji Gwida Temporanji").

³ Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020) 4871 final tat-13 ta' Lulju 2020 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.57116 (2020/N) – Il-Pajjiżi l-Baxxi – COVID-19: Garanzija ta' self mill-Istat u self mill-Istat lil KLM (ĠU 2020, C 355, p. 1; iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

jifformaw parti mill-imsemmi grupp, sabiex jiġi vverifikat jekk dawn tal-aħħar jistgħux jitqiesu li jifformaw unità ekonomika waħda, u, għaldaqstant, benefiċjarju wieħed, għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regoli fil-qasam tal-għajjnuna mill-Istat⁴.

Fid-dawl ta' dawn il-preċiżazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali tirrileva li d-deċiżjoni kkontestata la tinkludi informazzjoni dwar il-kompożizzjoni tal-azzjonisti ta' Air France u ta' KLM, u lanqas informazzjoni dwar ir-rabtiet funzjonali, ekonomiċi u organiċi bejn il-kumpannija holding Air France-KLM u s-sussidjarji tagħha, minkejja li hija turi li l-kumpannija holding hija involuta fl-għoti u fl-amministrazzjoni tal-għajjnuna prevista kemm favur KLM kif ukoll favur Air France. Id-deċiżjoni kkontestata lanqas ma tesponi l-eżistenza possibbli ta' xi mekkaniżmu li jipprekludi li l-għajjnuna mogħtija lil Air France permezz tal-kumpannija holding Air France-KLM tibbenefika, bl-intervent tal-kumpannija holding stess, lil KLM u viċi versa.

F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali tiċħad bħala inammissibbli l-ispjegazzjonijiet ippreżentati mill-Kummissjoni għall-ewwel darba waqt is-seduta sabiex turi li l-għajjnuna preċedentement mogħtija lil Air France ma setgħetx tibbenefika lil KLM. Barra minn hekk, għalkemm il-Kummissjoni għandha setgħa diskrezzjonali wiesgħa sabiex tiddetermina jekk kumpanniji li jagħmlu parti minn grupp għandhomx jitqiesu li jkunu unità ekonomika għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-iskema ta' għajjnuna mill-Istat, madankollu hija naqset milli tesponi b'mod suffiċjentement ċar u preċiż, fid-deċiżjoni kkontestata, il-punti rilevanti kollha ta' fatt u ta' liġi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata sitwazzjoni kumplessa, ikkaratterizzata mill-għoti parallel ta' żewġ għajjnuniet mill-Istat lil żewġ sussidjarji tal-istess kumpannija holding, li hija, barra minn hekk, involuta fl-għoti u fl-amministrazzjoni tal-imsemmija għajjnuniet.

Barra minn hekk, fid-dawl tal-insuffiċjenza ta' motivazzjoni li biha hija vvizzjata d-deċiżjoni kkontestata, il-Qorti Ġenerali ma hijiex f'pożizzjoni li tivverifika la n-neċessità u l-proporzjonalità tal-għajjnuna, u lanqas l-osservanza tal-kundizzjonijiet ta' kumulu u l-limiti massimi stabbiliti fil-paragrafu 25(d) u fil-paragrafu 27(d) tal-Linji Gwida Temporanji⁵. Għall-istess raġunijiet, il-Qorti Ġenerali ma tistax tistħarreġ jekk il-Kummissjoni kellhiex diffikultajiet serji ta' evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajjnuna kkonċernata mas-suq intern.

Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali tiddeċiedi li l-Kummissjoni, billi sempliċement ikkonstatat, minn naħa, li KLM kienet il-benefiċjarju tal-miżura inkwistjoni, u, min-naħa l-oħra, li l-awtoritajiet Olandiżi kienu kkonfermaw li l-finanzjament mogħti lil KLM ma kienx ser jintuża minn Air France, naqset milli timmotiva, b'mod suffiċjenti fid-dritt, id-deċiżjoni kkontestata u li din l-insuffiċjenza ta' motivazzjoni twassal għall-annullament tagħha.

Madankollu, fid-dawl tal-fatt li dan l-annullament jirriżulta mill-insuffiċjenza ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata u li l-kontestazzjoni immedjata tal-għbir tas-somom ta' flus previsti mill-miżura ta' għajjnuna kkomunikata kellha konsegwenzi partikolarment dannużi għall-ekonomija u għas-servizz tal-ajru tal-Pajjiżi l-Baxxi f'kuntest ekonomiku u soċjali diġà

⁴ Konformement mal-punt 11 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' "għajjnuna mill-Istat" imsemmi fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2016, C 262, p. 1), diversi entitajiet legali distinti jistgħu jitqiesu li jifformaw unità ekonomika waħda għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regoli fil-qasam tal-għajjnuna mill-Istat. Għal dan l-għan, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni l-eżistenza ta' ishma li jagħtu kontroll ta' waħda mill-entitajiet fl-oħra kif ukoll l-eżistenza ta' rabtiet funzjonali, ekonomiċi u organiċi oħra bejniethom.

⁵ Konformement mal-punt (i) tal-paragrafu 25(d) tal-Linji Gwida Temporanji, l-għajjnuna mill-Istat fil-forma ta' garanziji pubbliċi ġodda fuq is-self titqies li hija kompatibbli mas-suq intern abbażi tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE, sa fejn, għas-self li jiskadi wara l-31 ta' Diċembru 2020, l-ammont globali tas-self għal kull benefiċjarju ma jaqbiżx id-doppju tal-kont annwali tal-paġi tal-benefiċjarju għall-2019 jew għall-aħħar sena disponibbli. L-istess limitu japplika għall-għajjnuna mill-Istat fil-forma ta' sussidji għal self pubbliku, konformement mal-punt (i) tal-paragrafu 27(d) tal-imsemmija linji gwida.

kkaratterizzat mid-disturb serju tal-ekonomija pprovokat mill-pandemija tal-COVID-19, il-Qorti Ġenerali tiddeċiedi li tissospendi l-effetti tal-annullament tad-deċiżjoni kkontestata sal-adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida mill-Kummissjoni.